# Ċentru Antida

The Reception Centre of the
St Jeanne Antide Foundation - SJAF

**SJA FOUNDATION**
Reception Centre
51, Tarxien Road
Tarxien TXN1090
Reception Desk Tel. 2767 2367/21808981
Email: miriam.sjaf@gmail.com

*Monthly Newsletter – Issue No. 15 September 2008*

## L-Arċisqof ibierek iċ-Ċentru Antida



Fil-qalba tal-parroċċa ta' Ħal Tarxien, is-Sorijiet tal-Karità ta' Santa Giovanna Antida fetħu ċentru ta' merħba li joffri appoġġ mill-qrib lil persuni mġarrba minn ċirkostanzi diffiċli tal-ħajja. Imsejjaħ *Ċentru Antida* għal Santa Giovanna Antida Thouret, il-fundatriċi tal-kongregazzjoni tas-Sorijiet tal-Karità, iċ-ċentru qed ikun ta' servizz għall-parroċċi tal-madwar. Iċ-Ċentru huwa wieħed mis-servizzi tal-Fondazzjoni Santa Giovanna Antida mwaqqfa mis-Sorijiet tal-Karità flimkien ma' lajċi.



Waqt il-ftuħ uffiċċjali nhar il-Ħamis 11 ta' Settembru filgħaxija, l-Eċċellenza tiegħu l-Arċisqof Monsinjur Pawlu Cremona O.P. bierek l-post u rringrazzja lis-Sorijiet tal-Karità li, minkejja nuqqas ta' vokazzjonijiet, huma kapaċi jispiraw ħidma ta' mħabba mogħtija b'mod professjonali. L-Arċisqof qal lil madwar 150 persuna preżenti: "Jien dejjem ngħid li biex iġġorr l-isem tal-karità diffiċli ħafna; tant hi ħaga għolja! Il-karità hija Alla. Il-karità hija mħabba purifikata. Il-karità hi li tinsa lilek innifsek. Mhux faċli. Kemm hu ta' ferħ għalija li din l-inizjattiva ħierġa mis-Sorijiet tal-Karità. Għaliex dan ifisser li ma ntliftux f'forma ta' ħajja reliġjuża, ħajja konsagrata, anonima, bla timbru. Niżżu ħajr 'l Alla li inthom ftakartu f'dak li kien il-bidu tal-kariżma tal-fundatriċi tagħkom li hija l-karità."



Waqt l-indirizz li qanqal lill-familji li jużaw is-servizzi tal-Fondazzjoni, voluntieri, Sorijiet u mistednin, l-Arċisqof Pawlu Cremona qal li "nisrani ma jistax iħares lejn il-Mulej fl-aktar mument dgħajjef tal-ħajja tiegħu meta kien fuq is-salib mingħajr ma jara fih il-wiċċ sfigurat tax-xbieha t'Alla li qed tbati. Kif tħares 'l hemm m'intix qed tara lilu biss, imma l-wiċċ sfigurat tax-xbieha t'Alla li hemm fil-persuni li qegħdin ibatu. Huma żewġ affarijiet li ma jistgħux jinfirdu minn xulxin."



Dwar il-55 voluntieri li qed jagħtu sehem imprezzabbli fil-Fondazzjoni, l-Arċisqof qal li huma "l-qalb" ta' l-organizzazzjoni u li hu tajjeb li jaħdmu id f'id ma' professjonisti sabiex il-ħidma tkun waħda li tagħti dinjità u mħabba lil min hu batut. Ir-raġuni l-għala Kristu jimlina bl-imħabba, qal l-Arċisqof, huwa "biex ikollna ħafna aktar imħabba x'nagħtu." L-Arċisqof ħeġġeġ lill-Fondazzjoni biex trawwem voluntieri żgħażagħ.



L-Arċisqof irrefera għad-deċiżjoni tas-Sorijiet li jirristrutturaw is-St. Jeanne Antide Welfare Campaign li aċċennat għalih is-Superjura Provinċjali, Sr Salvina Bezzina soc, billi qal li din "kienet deċiżjoni ta' ħafna kuraġġ mill-Provinċja tas-Sorijiet tal-Karità. Waħda mill-affarijiet li jkun hemm hi li ġieli jkun hemm xi ħadd li jibda xi ħaġa u tispiċċa, għax tispiċċa miegħu. Grazzi talli intom kontu kuraġġużi biżżejjed biex tadottaw dak li bdiet Sister Laura u issa tista' tkompli għax hija magħquda ma' istituzzjoni li kapaċi tmexxiha 'l quddiem."



Waħda miż-żgħażagħ fil-programm ta' mentoring għal żgħażagħ vulnerabbli Aħn'Aħwa tal-Fondazzjoni uriet lill-Arċisqof il-portafoll ta' pittura li qed tibni mal-Mentor tagħha li huwa artist. L-Arċisqof faħħar din l-inizjattiva għax qal li tgħin fit-trawwim ta' talent moħbi u tagħti dinjità lil min altrimenti ma jkollux opportunità jiżviluppah. L-Arċisqof qassam ukoll ċertifikat lil żgħażagħ li temmew il-Programm Bridge fiċ-Ċentru Antida. Dan il-programm joffri taħriġ fil-ħiliet bażiċi lil żgħażagħ b'diffikultajiet varji sabiex ikunu f'qagħda aħjar li jsibu posthom fis-soċjetà.



Fi ġnien ippakkjat bil-mistednin, Suor Salvina Bezzina soc, is-Superjura Provinċjali u Chairperson tal-Board of Governors tal-Fondazzjoni, tkellmet dwar l-għanijiet u l-missjoni tal-Fondazzjoni Santa Giovanna Antida u qalet li s-sorijiet allokaw l-użu ta' l-aħjar parti tad-dar Provinċjali għal din l-opra ta' karità. Hija tkellmet ukoll dwar l-ispirtu li bih sorijiet u lajċi qed jaħdmu flimkien biex jilħqu persuni u familji l-aktar vulnerabbli. "Ix-xewqa tagħna," qalet Suor Salvina Bezzina, "hija li nkomplu nsiru nafu liema huma dawk il-gruppi ta' persuni vulnerabbli li m'humiex milħuqa sabiex nesploraw metodi ħajja ta' kif jistgħu jintlaħqu fil-komunità. Il-motivazzjoni u l-ispirtu li bih jaħdmu l-ħaddiema, kemm impjegati kemm ukoll voluntieri, huwa bbażat fuq il-vanġelu li Ġesu jgħidilna li kull ma wieħed jagħmel ma' l-iżgħar fost hutna inkunu qed nagħmluh miegħu. Nittamaw li dan iċ-ċentru jkun post ta' wens u faraġ fejn dawk li jixtiequ jidħlu u jsibu lil xi ħadd li miegħu jistgħu jaqsmu dak li għandhom f'qalbhom."



Il-Kap tal-Fondazzjoni Nora Macelli spjegat il-proċess li bih il-Fondazzjoni qed tilmaħ bżonnijiet mhux milħuqa permezz ta' riċerka u djalogu ma' ħaddiema pastorali u professjonisti u kif l-organizzazzjoni qed tixpruna inizjattivi fil-qiegħa flimkien mal-kappillani, ordnijiet, u entitajiet oħra. Ħija tat ħarsa lejn il-firxa ta' servizzi offruti s'issa u rringrazzjat lill-NGO Project Selection Committee fi ħdan il-Ministeru tal-Politika Soċjali ta' l-appoġġ finanzjarju li permezz tiegħu l-appoġġ miċ-Ċentru Antida seta' jibda jingħata. Hija rringrazzjat ukoll lill-Kummissjoni Nazzjonali Familja talli kkommissjonat lill-Fondazzjoni biex twettaq proġett komunitarju f'Ħal Kirkop.





***Iċ-Ċentru Antida jilqa' persuni li jħossuhom imdejqa, weħidhom u fid-diffikultà. Huwa post fejn dak li jkun iħossu fis-sigur li jista', b'mod kunfidenzjali, jirrikorri għal għajnuna f'atmosfera li tilqa' u taċċetta. Huwa post fejn wieħed jista' jsib ħbiberija u tifsira fil-ħajja permezz ta' ħidma volontarja u tisħib fi gruppi edukattivi u ta' appoġġ. Ħaddiema u voluntieri, sorijiet u lajċi, jibnu relazzjonijiet ma' dawk li jżuru ċ-Ċentru. Dawn ir-relazzjonijiet ikunu sors ta' qawwa, ħeġġa u tama għal ħajja aħjar. Fiċ-Ċentru jinħolqu opportunitajiet ġodda għall-iżvilupp personali u bini ta' ħiliet għall-ħajja. Permezz taċ-Ċentru, persuni mill-parroċċi ta' Ħal Tarxien u dawk tal-madwar ikunu jistgħu jagħtu kontribut lis-soċjetà permezz ta' ħidma volontarja b'ispirazzjoni spiritwali.***

*Fondazzjoni Santa Giovanna Antida, 51 Triq Ħal Tarxien, Ħal Tarxien TXN 1090.*
*Tel: 21808981 www.antidemalta.com*

# NEWS UPDATE
## Teams of the Reception Centre Services

### *Friendship Group*

Għadna kemm assistejna għal avveniment tassew importanti fil-mixja tagħna bħala membri ta` din il-Fondazzjoni – u dan huwa it-tberik u l-ftuħ uffiċċjali taċ-Ċentru Antida mill-Eċċellenza Tiegħu, l-Arċisqof Mons. Pawlu Cremona OP. Kienet okkażjoni tassew sabiħa li lilna l-membri fi ħdan is-SJAF ser tgħinna żgur fil-ħidma tagħna, proprju għaliex issa għandna din il-barka tassew speċjali.

Matul ix-xhur tas-sajf, il-"Friendship Group" għażel illi ma jiltaqagħx bħala grupp minħabba l-fatt illi ħafna mis-sorijiet kienu ser imorru għal vaganzi u rtiri tagħhom, u anki għaliex uħud mill-membri jew marru fil-villeġġjaturi tagħhom, jew inkella kellhom il-ħsieb imorru  għal xi btala  barra minn Malta.

Qabel ma għalaqna għas-sajf pero`, assigurajna lil xulxin illi ser nibqgħu f'qalb xulxin fit-talb, u li, kemm hu possibli, ma ninsewx lil dawk l-anzjani illi ġew fdati lilna biex nibqgħu inżommu l-kuntatt magħhom anki matul ix-xhur tas-Sajf.

Għalkemm  ma kellniex f'moħħna nżuru id-detenuti fil-Facilità Korrettiva ta` Kordin, xorta kellna l-opportunità illi nuru il-ħbiberija u l-imħabba tagħna lil persuna minn ġewwa din il-Facilit  illi talbet l-għajnuna tagħna.

Sarah (isem mibdul) kienet ilha l-ħabs għal dawn l-aħħar 4 snin u kien wasal iż-żmien biex jiskadilha it-terminu illi kellha tqatta` hemm ġew. Għalkemm kienet ferħana ser ittir illi sa fl'aħħar il-libertà kienet fil-qrib, kellha problema ta` akkomodazzjoni. Ma kellha mkien fejn tmur la darba kienet barra l-ħabs. Ovvjament, tistgħu taħsbu illi mhux lakemm tikri, għaliex il-kirjiet huma għoljin, u għall-ewwel ftit xhur, l-ebda benefiċċju soċjali ma jingħata lil min ikun ħareg mill-facilità korrettiva.

Filwaqt illi żammejna kuntatt kontinwu magħha matul l-aħħar ftit jiem illi kien fadlilha tqatta` ġewwa l-ħabs, assigurajnieha illi konna ser nippruvaw ngħinuha mill-aħjar li stajna.

Niftakar illi kellha qalbha maqtugħa illi kien ser jirnexxilha ssib post addattat, però proprju xi jumejn qabel ma kellha toħrog sabet post żgħir iżda nadif u ċentrali, b'kirja moderata. Ħatfitu minnufih. Il-Provvidenza ma naqqsitx ukoll. Kien hemm xi persuni illi xtaqu jagħtu donazzjoni, u ġbarna biżżejjed biex inkoprulha mqar l-ewwel xahrejn kiri. Kien hemm persuna oħra illi xtratilha xi bżonnijiet neċessarji. Irnexxielna nagħmlulha xirja u nixtrulha fan ukoll, għax konna nafu illi fil-flat ma kellhiex. Persuna oħra offriet illi ttiha kompjuter.  Tistgħu timmaġinaw kemm kienet kuntenta Sarah. Sirna nafu ukoll illi minn dak iż-żmien l-hawn, Sarah bdiet taħdem, u issa qiegħda tħares lejn il-ħajja  b'lenti ferm pożittiva.

Sirna nafu ukoll illi xi Sisters irnexxielhom ukoll izuru xi anzjani.  Is-sisters qalulna kemm baqgħu mpressjonati kemm xi whud minn dawn l-anzjani  għad ghandhom il-kapaċità illi jieħdu ħsieb il-ġnien u d-dar tagħhom b'għożża kbira, anki jekk forsi huma jħossuhom minsijja.

Il-laqgħa li jmiss tagħna ser issir fl-1 ta` Ottubru fl-10 ta` filgħodu fiċ-Ċentru Antida. F'din il-laqgħa ser jiġi diskuss kif kull waħda minnha ħassitha f'din l-aħħar sena illi għaddejna flimkien fit-Team, u kif nistgħu ntejbu din il-ħbiberija illi bdiet tinbena  bejn l-anzjani u l-emarginati u l-minsija.



*Caroline Cortis*
Co-ordinator
Friendship Group

## *Homework Support Service – SJAF Learning Support Programme*

September is synonymous with getting ready for the next cycle of the Homework Support Service. On the 19th September, we held our team support meeting. One of the main issues discussed was the holding of regular team support sessions every two months.

For this purpose, a sub-committee has been set up. It will be responsible for the planning and organisation of team support meetings, as well as any other meetings and social activities during the October 2008 to June 2009 term. Nora was with us at the meeting and introduced Ms. Vivien Cassar, the professional SJAF Volunteer Educational Counsellor. Vivien is blessed with loads of first hand experience with regards to children and their parents. Her suggestions are well worth trying. She has kindly agreed to address our service users parents' meeting scheduled for the 9th October at Ċentru Antida. She has also offered to be our group and individual guide and mentor. We know that occasionally we require professional support on a one-to-one basis due to the complex nature of our children's backgrounds. So Vivien is there for us individually as well. A BIG THANK YOU VIVIEN!

We have now on our books, 23 service users, and 12 tutors to provide them with learning support. We have lost three valuable volunteers, Sister Antonietta, who has been posted to the Santa Venera sisters' community, Rodianne Conti because of her university studies, and Rita Scarfe due to her having to be away from the island from time-to-time. Publicly we would like to thank them for their hard work performed out of love and with great dedication. We shall miss them but also wish them well in their new job, studies, and travelling respectively. We have also gained three new volunteers namely Louise Cassar, who already helps as a receptionist, Nora Macelli who kindly offered to work with a 13-year old needing help in a specified field, and Marie Louise Campolo. Thank you for joining our team.

Sessions will re-start on the 1st October and will be held on Mondays, Wednesdays, Thursdays and Fridays.

Once more we will put our trust in St. Jeanne Anitide, asking her to be our guide and mentor, knowing full well that she will not let us down.



*Jessie Spiteri*
Co-ordinator

## Servizz ta' Social Work

Wara l-ħedla, sħana u umdità tremenda tas-sajf, il-każijiet reġgħu bdew deħlin. Dan ix-xahar kien hemm 15-il każ ġdid, apparti dawk appoġġjati mill-Outreach Team tagħna f'Ħal Kirkop.

| | |
|---|---|
| Nuqqas ta' ħiliet bażiċi | 2 |
| Anzjani/Dementia | 4 |
| Ex-ħabsi/qagħad/ problemi finanzjarji | 1 |
| Problemi fil-familja: riskju ta' separazzjoni; problemi finanzjarji; akkomodazzjoni perikoluża | 3 |
| Minuri u prostituzzjoni | 1 |
| Bla dar | 1 |
| Ommijiet weħidhom ifittxu xogħol | 2 |
| Problemi ta' saħħa mentali | 1 |
| **Total** | **15** |

Tajjeb li tkunu tafu li barra l-kuntatt li jeżisti ma' aġenziji oħra, ix-xogħol ta' għajnuna soċjali fi ħdan il-Fundazzjoni Santa Ġovanna Antida huwa kumplimentat minn għajnuna professjonali ta' counselling. Fil-fatt, kien hemm każijiet dan ix-xahar li kellhom bżonn ta' dan is-servizz flimkien ma' ħafna talb. Imma l-Mulej ma naqasx li jagħti d-dawl tiegħu fuq sitwazzjonijiet li jkunu ferm diffiċli.

Matul Settembru żdidna. Illum għandna ukoll fi ħdan is-Servizz ta' Social Work lil Sr. Agnes Farrugia li qed iżżur anzjani vulnerabbli u persuni ta' nuqqas ta' ħiliet u nista' ngħid li qed tagħmel dan ix-xogħol b'kompetenza u b'ħafna mħabba. Jiena u Sr.Agnes għamilna 23 zjajjar lil familji f'Settembru.  Kemm hu minnu dak li qal l-Arċisqof waqt il-ftuħ taċ-Ċentru Antida li l-voluntiera huma l-qalb tal-ħidma li ssir favur il-fqir. Jiena personalment napprezza il-kontribut siewi ta' Sr. Agnes kemm ukoll tal-gruppi ta' voluntieri li jappoġġjaw il-ħidma tagħna.

Grazzi ta' l-interess u t-talb tagħkom u j'Alla nkunu miftuħin għal dak kollu li Alla jitlob minna.

*Sr. Rose Rizzo*
Social Worker

## Talba għalina għal kuljum

**"J'Alla l-Mulej jagħtina l-benna ta' l-Ispirtu Tiegħu, sabiex Ħidmietu fina tmiss il-ħajja ta' dawk kollha li hu jlaqqagħna magħhom."**

(San Vinċenz de Paule f'ittra lil D. Lhullier, 1660 (meħuda mir-Regola tal-Ħajja tas-Sorijiet tal-Karità, p. 28)



Se nkomplu nagħtukom aktar għodda għal ħidma u riflessjoni fi gruppi. Dan ir-riżors hu maqlub għall-Malti mis-sett ta' karti dwar il-Virtujiet minn pubblikazzjoni tal-Virtues Project (www.virtuesproject.com)

*Nora*
*macen.sjaf@gmail.com*

## LI TKUN ONEST

**Li ngħidu dk li hu minnu, li nkunu sinċieri, miftuħin u ġenwini ifisser li aħna onesti. Aħma kuntenti u kunfidenti li aħna aħna. Naraw lilna nfusna u lil ħaddieħor b'għajnejn mux imċajpra. Ma nesaġerawx biex nimpressjonaw lil ħaddieħor. Nirrifjutaw li nigdbu, li nisolħu jew li nieħdu dak li mhux tagħna. Nagħmlu mill-aħjar biex inżommu kelmtna. Hekk kif nagħrfu illużjonijiet u qerq bina nfusna, nerħu kollox b'ġentilezza. Nammettu l-iżbalji wkoll meta nafu li xi ħadd seta' għadab jew iddiżappunta ruħu. Nitfejqu minn messaġġi li aħna mhux ta' min jistmana. Nitqawwew bl-għarfien li aħna kif aħna, aħna tassew ta' siwi.**

"L-onestà tħallini nkun tassew jien."

### Il-Prattika ta' l-Onestà

- Jien miftuħa u trasparenti.
- M'inix ipokrita u ma ndurx mal-lewża.
- Inżomm kelmti; dak li nwiegħed nagħmlu.
- Dejjem infittex li nagħraf is-sewwa.
- Umli biżżejjed biex nagħraf għelti.
- Kuntent u hieni li jien jien.

## IL-FINI SODA

**Aħna konxji li qegħdin hawn għal raġuni. Nistmaw ħajjitna billi niskopru l-irwol uniku tagħna. Nagħrfu l-intenzjoni tagħna u niffukaw fuqha b'reqqa. Nimmaġinawha tiżvolġi. Nidentifikaw miri u naslu għalihom pass pass filwaqt li ma nħallu xejn xi jtellifna. Nikkonċentraw b'reqqa fuq kull biċċa xogħol biex issir sew. Kull biċċa xogħol, kemm jekk inhi żgħira kemm kbira, nagħmluha b'entużjażmu. Fil-ħajja li nterrqu, insibu ruħna f'kantunieri u sitwazzjonijiet mhux mistennija. Matul ħajjitna kollha, hemm lezzjonijiet x'nitgħallmu u rigali x'nirċievu. Li jkollna fini soda hi li nafdaw f'din il-mixja.**

"Il-fini soda tagħti valur lil ħajti."

### Il-prattika

- Nagħraf is-sejħa ġenwina tiegħi.
- Noħloq viżjoni ċara għal dan iż-żmien ta' ħajti.
- Nidentifika miri biex nilħaq l-għanijiet tiegħi.
- Nikkonċentra kompletament fuq dak li qed nagħmel.
- Nieħu pjaċir nagħmel kollox b'ħila kbira.
- F'kull esperjenza, nilmaħ opportunità.

## Il-lejl ta’ qabel il-festa

Għal Dak li quddiemu
il-kliem jimmollaw,
X’inġorr miegħi jien,
ħlief ħsieb, u kliem?
Kemm se’ jdum ma jintlaħaq, li hu
lilhinn minn tarf ħarsti?
Kemm, sakemm nitwarrab
u ntiegħem il-ta’ Bla Tmiem?
Kemm, sakemm ngħodos
ħdejn lok in-nar
ħdejn il-ġuf ta’ tqalet il-ħemda?;
ħdejn Dak li quddiemu
il-kliem jimmollaw

Sabiex flaħħar norqod
b’merħba għal-qawmien;
sabiex flaħħar ngħama
ħa’ nara biss dawl;
Sabiex immut (qabel ma mmut)
u tfeġġ il-ħajja.

Għax il-lejl ta’ qabel il-festa
Twil, twil, twil.

tony macelli

## The Night Before Forever

For the One before whom
all words turn back,
what have I
but thoughts and words?
How long until
are breached the bounds
of my point of view?
... until I’m circumvented,
and can taste infinity.
... until I swim in deeps
near the place of fire
near the womb
of pregnant silence
near the One before whom
all words turn back.

Then may i sleep at last
to welcome wakefulness;
then may I go blind
to see only light;
then may I die (before I die)
to give way to life.

For the night before forever
is a long, long, time.

tony macelli

***Help us continue to help families in difficulty***

## For Sale

***Bean Bags***
Price: €23 Medium Size Bean Bags
€30 Large Size Bean Bags

***Good conditioned Books***
Maltese/English (Danielle Steel Books)
Prices start from €5

## Collections

***Fiscal Receipts***
Anyone who wishes to donate such receipts may send them by post or bring them directly to Centru Antida

***For further details contact Miriam on 21808981***

## Attivitá Edukattiva għall-familji - Progett fil-Housing Estate ta' Ħal-Kirkop

### minn Pauline Agius

Aktar kmieni din is-sena, organizzajna attività ta' taħriġ tad-drama għal numru ta' tfal miż-żoni tal-Housing u oħrajn fl-iskola primarja ta' Ħal Kirkop. Din kienet suċċess u t-tfal u xi ġenituri tellgħu dram qasir dwar temi marbuta mal-familja. Wara kien hemm diskussjoni animata ħafna li fiha ħadu sehem madwar sittin ġenitur iffaċilitata minn Nora. Bħala riżultat ta' din l-attività, bosta ġenituri talbuna norganizzaw xi ħaġa fis-Sajf sabiex huma u uliedhom jitgħallmu jqattgħu ħin ta' kwalità flimkien.

L-għan ewlieni tal-klabb edukattiv għall-familji li ħloqna kien li, permezz ta' logħob u crafts, il-familji jieħdu pjaċir, jitgħallmu flimkien u joħolqu spazju speċjali għal dan kull ġimgħa. Il-klabb kien mifrux fuq 7 ġimgħat matul is-sajf kull nhar ta Tlieta bejn id-9.30 u l-11.30 ta' filgħodu. Is-sessjonijiet saru fiċ-Ċentru Soċjali misluf lill-proġett mill-Kunsill Lokali. Claire u jien (Pauline), iż-żewġ *Outreach Workers* tal-proġett, ħdimna flimkien sabiex nippruvaw nilħqu kemm nistgħu nies li kienu qegħdin iħossu dan il- bżonn. Ħriġna *poster* u qassamnih fil-ħwienet, fl-iskola u anke fil-blokks kollha (17) tat-tliet żoni tal-Housing. Ipparteċipaw 12-il ġenitur u 16-il tifel u tifla ta' bejn is-sentejn u s-seba' snin.

Kull sessjoni kellha tema partikulari u l-attivitajiet kienu relatati mat-tema. Matul dawn is-sessjonijiet, qassamna l-grupp b'mod li kemm it-tfal kemm ukoll il-ġenituri setgħu jieħdu sehem b'mod ħaj sabiex jaħdmu u jippreparaw dejjem flimkien. Matul is -7 sessjonijiet ħsibna li naraw li nwasslu l-messaġġ li mhux biżżejjed li tkun ġurnata sħiħa mat-tfal bla ma, imbagħad, ma tqatta' ħin ta' kwalità magħhom. Tkellimna dwar ħafna u ħafna mezzi kif, anke ix-xogħol tad-dar jista' jsir b'għan edukattiv flok bħala xi ħaġa li tistmerrha.

L-attivitajiet kienu mqassma hekk:

* Insiru nafu lil xulxin: it-tfal qalu isimhom u anke l-ġenituri għamlu l-istess. Waqt li t-tfal kienu qegħdin ipinġu affarijiet li juru isimhom, il-ġenituri qalu lill xulxin dak li huma jaraw posittiv f'uliedhom. Il-ħsieb wara dan kien li nkunu aktar informali bejnietna u li nikkumunkaw bl-aktar mod faċli.

* Nippreparaw kolazzjon li jkun tajjeb għal saħħitna: flimkien ħejjew mejda u l-kolazzjon. Dan sar sabiex nuru l-importanza ta-kolazzjon nuttritiv meħud flimkien.

* Sessjoni dwar il-trawwim ta' kreattività: strateġiji prattiċi ta' kif il-ġenituri jistgħu, bi ftit fantasija, t-tfal jista' jkollhom xi ħaġa li fir-rejaltà ma jistax ikollhom. Dan sar billi għamlu Diorama

Fl-aħħar iċċelebrajna dak kollu li sar, biex joħroġ l-isforz kollettiv. F'kull sessjoni kien ikun hemm ħin fejn it-tfal joqgħodu jilgħabu b'ġugarelli, u f' dan il- waqt il- ġenituri qasmu l-esperjenzi u tkellmu fuq problemi komuni li jiltaqgħu magħhom fit-trobbija tat-tfal. Kull sessjoni kient tispiċċa bil-kant.

Naħseb li l-għan li għalih saret din l-attivitȧ ntlaħaq. Ma nistax ma nirrigrazzjax lis-Sinjura Janet Mamo, residenta f'wieħed mill-blokks, li tat l-għajnuna tagħha tul is-sajf kollu.

Dawn huma xi kummenti li tawna l-ġenituri li ħadu sehem:

"Is-sessjonijiet kienu mqassma tajjeb". "Dawn is-sessjonijiet kienu ta'għajnuna għat-tifel għaliex tgħallem jissoċjalizza ma' tfal oħra barra mill-iskola." "It-tfal tiegħi dejjem riedu jerġgħu jagħmel dak kollu li konna nagħmlu hemmhekk." "Kienu ta' benefiċċju anke għalija għaliex qsamt il-problemi ma' ommijiet oħra." "Min mexxa kienu paċenzjużi ħafna magħna." " Nixtieq li jkomplu jsiru aktar sessjonijiet bħal dawn." ----

***A year has gone by ……how time flies!***

It has been more than a year ago (last June, 2007) that I joined up as a volunteer with the Receptionists' Group. It never crossed my mind, and I never never thought, how the new Foundation would evolve and grow!

It was during a talk by Sister Rose Rizzo at the Tarxien branch of the Azzjoni Kattolika that I heard about the Ċentru Antida for the first time. Sister Rose told us that there was a need for volunteers and asked if there was anyone who was interested in joining. I just sat there and said nothing; I was afraid to put up my hand to be included in Sister Rose's list. I wanted to volunteer but something held me back. I did not think that I was the right person for the job, but it is not what we want, is it? It is often a question of what our Lord wants us to do. So when my friends urged me to volunteer, I began to change my mind.

My friend and fellow volunteer Mary Theuma was sitting next to me that day; she asked whether I was offering to volunteer and said that should I decide to do so, she volunteer too. And that was that. On our way out, we gave our names to Sister Rose! One nudge, one question and in we went!

That was only half of the story. The real thing was that two days before I had been praying and asking Jesus to find me something to do; I so wanted to be useful! I also knew that it was time to pay back a little for all the good things that He has given me, for the grace of my family, my husband and my two wonderful boys, for loving me and for always being there for me.

You can imagine how I felt after giving my name to Sister Rose; two days before I had prayed to the Lord to find me some work in his field and Jesus heard my prayer and found me a good cause to support. Thank you Jesus!

My job at Ċentru Antida is at the Reception area, meeting people, answering the phone, addressing letters and do whatever is needed to be done. My friend Mary Theuma and I worked closely with Nora and Doreen Falzon every Tuesday evening for 3 hours from January to June seeing to the needs of members of the Disability Support Group.

Today, after one whole year of being one of the SJAF family, yes, because that is what we are here, one big family, I thank the Lord for giving the chance to help others because by doing so, it has helped me in many ways. I met a lot of wonderful people, Nora for one, she did wonders in the short time that she has been here with the Foundation, she comes early in the morning (at 6.00 am) and leaves at 8.OO pm sometimes she hardly stops not even for a cup of tea. Nora has a heart of gold and may God bless her and her family. Please keep up the good work Nora.

Sister Rose deserves praise too, she was in charge of the Centre for the first year and did a good job of it too. She is always helping needy people and does a lot of support to vulnerable families as she is a qualified Social Worker.

May God bless you too Sister Rose and give you and Nora the strength you need to carry on. I would like to thank you Sr.Rose for being the one who brought me here.

Apart from being a Board member, Paul Barbara is also one of the Reception Team members who leads the group. He works closely with Nora and gives us advice when needed.

Volunteer Jessie Spiteri works very hard and is very dedicated to her work which is leading the homework support service. She is at the Centre practically every day; all she needs to do is sleep here as well as she is always helping other groups as well.

And then there is Miriam Grech, the Administrator of the Foundation. She is a computer wiz and is in charge of organizing anything that might raise money; she is good at it, very energetic and clever too.

I must not forget the Bean Bag Production group, Angela, Bridget, Doris and Rita. They work hard and are helping through sewing in raising much needed money for the Foundation.

There are also the young people who participated in the first Bridge Programme basic skills training: Daniel, Roseanne, Marcyon, Sharon, Denise, Maria, and Anthony. They enjoyed it and benefited so much here that they found this place a home away from home. I hope that they will find jobs and wish them the best of luck. I sure will miss them.

Thank you Lord for all the new friends that I have made here, please bless them all and bless too all the kind sisters at the convent, they always have a nice word for you and are very kind and helpful.

Last but definitely not least please bless and give strength to Mother Superior Sr. Salvina, she also works very hard and sees to everything that is needed to be done. May God bless you Sr. Salvina because without your backing Centru Antida would not have been as it is today.

I think that a special thanks from all our hearts, goes to our Lord Jesus for making miracles happen, because I'm sure that this Centru Antida is one of them. I know that with his help we will work wonders.

Thank you Lord, be with us always I pray, and please shower your blessings over Centru Antida and all the people who make it work. Let all who come in sad and unhappy go out happy go out happy or at least with hope in their hearts. Most of all let us always be there when we are needed most.

A big thank you to everyone and God bless.

Your friend

*Vivienne Abela.*

# AĦBARIJIET MILL-FONDAZZJONI

- Il-11 ta' Settembru jibqgħa f'qalbna għal miġja fostna ta' l-Arċisqof Mons. Pawlu Cremona biex ibierek u jinawgura ċ-Ċentru Antida. Il-ġnien u ċ-Ċentru kienu mballati bin-nies tant li ma stajniex nistiednu lil kull min xtaqna. Id-DVD b'kopja tal-kliem inawgurali, inkluż dawk ta' l-Arċisqof u ta' Sr Salvina Bezzina huwa lest. Min jixtieq kopja jistaqsi lil Miriam. Qed issir transkript ta' kliem l-Arċisqof sabiex ninkluduhom fuq il-website tagħna.

- Fit-12 ta' Settembru, membri tal-Bord tal-Fondazzjoni u c-CEO pparteċipaw fil-Konferenza Provinċjali Annwali bit-tema Sorijiet u Lajċi f'mixja flimkien. Mill-workshops ħarġu punti li joħolqulna sfida. Dalwaqt se jkun lest ir-rapport finali.

- Fid-19 ta' Settembru, Sr Rose Rizzo (Servizz Social Work), Lina Ciantar (Programme Bridge), Claire Farrugia u Pauline Agius (Kirkop Community Project) u Nora attendew konferenza nazzjonali bl-isem Skills for the Future organizzata mill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Edukazzjoni Għola (NCHE) b'kollaborazzjoni ma' l-MCAST, l-ETC, id-Direttorat Servizzi Edukattivi, id-Direttorat Kwalità u Standards, u l-Kunsill Malti għall-Kwalifiki. Il-kontenut jgħinna nkunu aktar imħejjin għall-isfidi li għandna biex ngħinu lil persuni vulnerabbli jkomplu jitgħallmu u jsibu xogħol.

- Fl-24 ta' Settembru, Sr Rose u Nora ipparteċipaw f'konferenza nazzjonali dwar il-ġlieda kontra l-faqar - The Fight Against Poverty - organizzata mill-European Documentation and Research Centre, Università ta' Malta. Magħna, għal min jixtieq jikkonsultahom, ġibna żewġ kotba li ta' min wieħed jagħtihom daqqa t'għajn, speċjalment għal dak li jirrigwarda l-faqar f'Malta. Dawn huma: (1) The Fight Against Poverty. L-editur tiegħu huwa l-Prof. Peter G. Xuereb, u (2) Family Poverty and Social Exclusion with a Special emphasis on Children minn Dr Angela Abela u Rev. Dr Carmel Tabone. Maħruġ mill-Kummissjoni Nazzjonali Familja li kkomissjonat lill-Fondazzjoni tagħna biex twettaq il-proġett komunitarju f'Ħal Kirkop. Indirizzaw il-konferenza Mons. li tkellem dwar il-problema tal-faqar fost l-immigranti f'Malta u l-istorja ta' l-imigrazzjoni f'Malta; Dun Victor Grech tkellem fuq il-policies u tabbiltà ekonomika tal-familja fil-kuntest ewropew. Is-soċjologa Angele Deguara tat ħarsa lejn il-faqar fl-ewropa u f'Malta mill-perspettiva ta' l-istatistika; hemm artiklu tajjeb ħafna tagħha fil-ktieb li ġibna. Tkellmet ukoll, fost esperti mit-Turkija, l-Irlanda u l-Italja, Dr Angela Abela dwar ir-riċerka li wettqet f'Malta ma' Dr Rev Carmel Tabone li tinsab fi ktieb li ġibna magħna wkoll.

- F'Settembru intemm kors ieħor dwar is-Self Esteem għal persuni li użaw is-servizzi tas-Social Work u tal-Counselling tal-Fondazzjoni u oħrajn. Se jibda ieħor fil-bidu t'Ottubru.

- Bħalissa għaddejjin l-assessments ta' żgħażagħ għal Programm Bridge.

- Fid-29 ta' Settembru, Nora u Urieth kellhom laqgħa ma' Dr Stephanie Xuereb, Direttur tad-Dipartiment Kura ta'-Anzjani dwar kif nistgħu naħdmu aħjar flimkien biex ngħinu anzjani weħidhom u vulnerabbli fil-komunità, nappoġġjaw il-Carers aħjar u dwar l-abbuż ta' l-anzjani u l-pjanijiet tad-Dipartiment f'dan il-qasam.

- Fit-30 ta' Settembru kellna laqgħa fiċ-Ċentru ma' żewġ uffiċjali mill-Aġenzija Appoġġ, Ms Graziella Castillo, Service Manager (Intake & Socio-Legal Unit) u Sandra Abela, Area Leader (Generic Social Work Service u B'Kara Community Services). Iddiskutejna s-servizzi li ż-żewġ aġenziji joffru sabiex inkunu nistgħu naħdmu aħjar flimkien.

- Mrs Marthese Cini, esperta fuq l-inklużjoni u ħiliet bażiċi se tkun membru ġdida tal-Bord of Governors tal-Fondazzjoni.

- Is-Sur George Borg, benefattur tal-Fondazzjoni, ġentilment tagħna donazzjoni li tkopri l-ispiża kollha tal-ftuħ uffiċċjali taċ-Ċentru Antida. Grazzi Sur Borg u l-familja! Nitolbu għalikom ħafna.

- Żewġ parteċipanti tal-Programm Bridge temmew esperjenza ta' xogħol, waħda mal-Fondazzjoni tagħna stess (Sharon Bugeja, ETC Job Experience Scheme) u Daniel Micallef mal-Foundation for IT Accessibility (FITA) ma' skema ta;-ETC ukoll. Sharon Bugeja u Denise Chricop bħalissa qed itemmu esperjenza oħra ta' xogħol magħna taħt l-iskema ta' l-ETC Active Youth Scheme. Nora u Sharon attendew ċerimonja ta' l-ETC fil-Hilton fejn Sharon u trainees oħra bħalha ngħataw Ċertifikat talli temmew l-esperjenza tagħhom taħt l-iskema JES iffinanzjata mill-EU u l-gvern ċentrali b'fondi strutturali għal Malta/ Fond Soċjali Ewropew.

- Fil-bidu t'Ottubru se nibdew kors bażiku fuq il-kompjuters għall-voluntieri u persuni oħra li jużaw is-servizzi tal-Fondazzjoni.

After forty long and hard years spent by Sr Laura Tanti soc in leading the St Jeanne Antide Welfare Campaign, helping the poorest of the poor in Malta and overseas, the Reverend Superior Provincial of the Sisters of Charity in Malta, Sr M. Salvina Bezzina felt the necessity of re-structuring the Campaign. The re-structuring process led to the setting up of the St Jeanne Antide Foundation which has replaced the SJA Elfare Campaign. This process took two years and involved the formulation of a new statute, establishing a board of governors, allocation of premises and furnishings. The premises is today known as Ċentru Antida. The members of the Board of Governors are – Sr M. Laura Tanti as honorary member, Sr M. Salvina Bezzina as Chairperson, Sr Teresa Tonna as Board Secretary, Dr Anthony Macelli, Mr Paul Barbara, Ms Jenny Zammit, Mrs Marthese Cini and Mrs Nora Macelli as the CEO. May all together continue to do praiseworthy work for the glory of God and the welfare of the Maltese families.

The official opening of Ċentru Antida took place on the 11th September 2008 in the presence of His Grace the Archbishop Mons. Paul Cremona O.P., several distinct persons of the Maltese community, staff, volunteers, many service users and guests.

A word of praise to Dr and Mrs Nora Macelli for their hard work and enthusiasm in bringing the Foundation and the Ċentru Antida to its present state, like the mustard seed which was meant to grow into a huge fruitful tree.

May Jesus and The Blessed Virgin Mary continue to protect the St Jeanne Antide Foundation and the community of the Sisters of Charity and bless the efforts of all those who are meant to run the Foundation and so many other people of good will who will contribute for the good work of the Foundation.

As far as I was concerned, I felt very much impressed by the celebration during the evening of the 11th September, honoured by the presence of His Grace the Archbishop and the participation of parish priests, Augustinian Prior, and many many friends united by close friendship and love. I felt that Jesus, the Blessed Virgin and St Jeanne Antide, our Foundress, were among us spreading blessings on us all.

Well done! Sr M. Salvina Bezzina, keep it up.

Well done Miriam and all those who have contributed for the success of this launch.

United we stand, divided we fall.

May God bless you all.

*Sr. M. Laura Tanti*



***ISSA GĦAWDEX UKOLL ? -*** mill-Ħbieb ta' Santa Ġov. Antida

Il-ħsieb li jkun hawn aktar gruppi tal-Ħbieb fil-gżejjer tagħna, mexxiena lejn il-gżira t'Għawdex. Rajna li, peress li ġol-Munxar diġà hemm il-komunità tas-sorijiet tal-karità, allura jkun il-post ideali fejn nistgħu nintroduċu din il-għaqda.

Tlajna il-Ġimgħa, 19 ta' Settembru, tliet lajċi u il-Provinċjala. Il-laqgħa saret fiċ-ċentru parrokkjali. Il-kappillan, ta' eta` żgħira, mimli enerġijja, u b'karattru ferrieħi, laqgħana qisu ġa kien sar wieħed mill-Ħbieb.

Attendew ma l'għoxrin persuna ; taħlita ta' kbar u żgħażagħ, b'maġġoranza femminili, x'kumbinazzjoni!! Sr Salvina fetħet b'introduzzjoni fuq il-kariżma tal-Qaddisa, u kif il-Ħbieb jimxu fuq il-passi tagħha, fil-ħajja ta' kuljum.

Kompla Daniel u tkellem fuq il-ħajja ta' Santa Ġovanna, mit-tfulijja sa ma ħarbet minn Franza lejn l-iżvizzera minħabba r-revuluzjoni. Imbagħad kompliet Jessie li bdiet bil-borom tas-soppa u spiċċat f'Napli, fejn il-Qaddisa tagħna tat l'aħħar nifs.

Daniel spjega wkoll dwar min ħuma l-Ħbieb u x'jagħmlu fil-laqgħat, waqt li Jessie tat rendikont tax-xogħol tal-volontarjat li jsir mill-membri tal-grupp.

Miriam qassmet is-santi u l-leaflets li għandhom tagħrif fuq it-talk li kienet għada kif saret. Ftaħna diskussjoni u weġibna għall-mistoqsijjiet li saru mill-udjenza.

Mhux bl-għaġġla, imma deher li hemm xi nteress, allavolja dawk li ġew, diġà involuti f'xi ħidma oħra, speċjalment fil-Legion of Mary. Iż-żerriegħa tfagħanija, għalissa għamilna xogħolna. F'idejn il-Mulej u bl'interċessjoni tal-Qaddisa, isir dak li għandu jsir.

Ġie ssuġġerit li meta il-grupp jagħmel dik il-ġurnata Għawdex, waqt li jagħmel dik is-soltu vista lis-sorijiet fil-Munxar, dik in-nhar jiġu mistiedna wkoll il-parruċċani, biex flimkien nieħdu kikkra te`, u bħal ma qal Fredu, għalliem mill-Munxar, basta jkun hemm biċċa kejk!!

Ma jista jkun qatt li ninsa nsemmi lil-sister Filumena, li ħadmet ħafna u ħafna biex dil-ġurnata sseħ. Grazzi mill-qalb.

*Daniel Grech*
Grupp Ħbieb Santa Giovanna Antida



## for Spiritual Journeys and Reflections




The website 30GoodMinutes presents you many videos of 4 or 2 minutes each on subjects such as:

Healing/Grief, Hope, Inspiration, Joy, Kindness, Love, Peace, Prayer, Awareness, Grace, Gratitude, Justice, Suffering, Diversity, Hope, Joy, Justice, Calling, Easter, Christmas, Peace & Justice, Faith, Forgiveness, Gratitude, Justice, Peace.

**You may view these videos online through our own website, at the spirituality section. Go directly http://www.antidemalta.com/Spirituality/Spirituality.htm**

**or else enter the website as usual and click near "Spirituality" on the Home page. You will also see a special collection of very short videos all on forgiving.**

**You can see these videos only if RealPlayer installed on your computer.**

**Il-Get Together li organizzajna fit-13 ta' Settembru biex nieħdu gost flimkien waqt li ġġenera fondi għal fondazzjoni wkoll kien suċċess. Grazzi Miriam, Claire u l-voluntiera kollha li tant ħadmu biex din l-attività tkun suċċess!**









**OUR WEBSITE:**

**New material and short videos**

A number of pages on our website have been recently updated with new material. These include the pages on Social Work, Reception Centre, Volunteering, Services and Projects, and Spirituality.

Through the Spirituality page you can now view several small videos on various topics. Go to

www.antidemalta.com

***Bookmark it!***



***Our services and projects; Alerts, appeals, and news; Spirituality; Newsletters archives; & more***

## NEW VOLUNTEERS with SJAF

***Mary Louise Campagno – HW Support***

***Tanya Vella – Reception***

***Carmen Mamo***

***Marica Azzopardi***

**Welcome**

## Ċentru Antida

**October Opening Hours**

**Monday to Friday: 8:00 – 12:30 14:30 – 17:00**

***QUARTERLY MAGAZINE entitled***

***ALL OVER THE WORLD***

The Congregation of the Sisters of Charity whose headquarters are in Rome will, as from the coming January, be publishing an international Magazine in English. It will probably be called ALL OVER THE WORLD and will be issued three times a year. It will feature articles about development and socio-pastoral and educational initiatives and projects carried out by the congregation through 335 sisters' communities in 27 countries in 4 continents - Asia, Africa, America and Europe.

It will cost € 15 annually for a high quality full-colour magazine. Please promote it and contact us for a subscription - miriam.sjaf@gmail.com

You can view a copy of the Italian version at the Reception desk at Ċentru Antida.

**Correspondence Address**
Ponderosa
Triq l-Ikħal
M'Scala MXK3623
Malta
Tel no. 27636819 email: adrmir@onvol.net